**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Rikors Guramentat Nru. 11/2014 MV**

**Noel Vella (K.I. 1682G)**

**'Casa Vella', Triq Viani Rabat,**

**Ghawdex.**

**Vs**

**Dorothy Farrugia (K.I. 13279G)**

**Ta' 'Saint Joseph', Triq Ta' Cenc,**

**Sannat, Ghawdex.**

**Illum 07 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta' Noel Vella ta' 'Casa Vella', Triq Viani, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 1682(G) ipprezentat fir-Registru tal-Qrati t'Ghawdex nhar it-12 ta' Frar 2014 li jaqra s-segwenti:

“1. Illi r-rikorrenti u l-konvenuta kellhom relazzjoni bejniethom li damet għaddejja diversi snin bejn is-sena elfejn u tmienja (2008) u s-sena elfejn u tlettax (2013);

2. Illi matul iż-żmien li damu flimkien, ir-rikorrenti kien jafda b'għajnejh magħluqa lill-konvenuta tant li infatti kienu qegħdin jaħsbu sabiex ikunu jistgħu jibnu familja flimkien;

3. Illi għal xi raġuni li hija totalment estranea għall-mertu ta' din il-kawża, ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti sfaxxat fix-xejn u infatti llum il-ġurnata l-partijiet jgħixu ħajja separata minn xulxin;

4. Illi iżda matul iż-żmien li kienu jiffrekwentaw lil xulxin, l-esponenti kien anke għadda f'idejn il-konvenuta ammonti ta' flus fuq isem l-istess konvenuta u dan sempliċement bħala self brevi manu;

5. Illi dawn l-ammonti kienu jlaħħqu diversi għexierenta'eluf ta' Euro kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;

6. Illi minn dan l-ammont il-konvenuta infatti kienet raddet lura parti minn dawn il-flejjes, u wiegħdet lir-rikorrenti li ser tghaddi l-ammont rimanenti fqasir zmien;

7. Illi l-ammont rimanenti jlaħħaq is-somma ta' madwar sebgħa u ħamsin elf u hames mitt Euro (€57,500.00) kif ukoll l-ammont ta' erbat elef, mitejn u erbgha u hamsin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€4,254,46) rappreżentanti

rigali u ammonti misapproprijati mingħand ir-rikorrenti u dan ad insaputa tieghu;

8. Illi minkejja d-diversi promessi ta' radd lura tal-ammonti dovuti, il-konvenuta dejjem baqgħet lura milli tirrifondi lura l-flus dovuti lir-rikorrenti;

9. Illi infatti, l-esponenti interpella għall-ħlas lura tal-ammonti hawn fuq imsemmi permezz ta' Ittra Ufficcjali Numru 546/2013;

10. Illi minkejja l-isforzi kollha tar-rikorrenti sabiex ikun jistà jiġbor l-ammonti hawn fuq indikati, u minkejja d-diversi invokazzjonijiet da parti tal-konvenuta sabiex jagħtiha aktar żmien, il-ħlas lura ta' dawn il-flejjes għadu sal ġurnata ta' llum ma sarx;

11. Illi għalhekk ir-rikorrent kien kostrett illi jagħmel din il-kawża;

Illi għalhekk ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'għandiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta Dorothy Farrugia hija dovuta tħallas l-ammont ta'wieħed u sittin elf, sebà mija u erbgħa u ħamsin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€61,754.46) jew kull ammont ieħor akbar deċiż minn din l-Onorabbli Qorti rappreżentanti ammonti ta' flus dovuti lir-rikorrenti Noel Vella, inkluż il-ħlas ta' imgħaxijiet fuq l-imsemmija ammonti;

2. Tikkundanna lill-konvenuta Dorothy Farrugia thallas lura u tirrifondi lir-rikorrenti Noel Vella l-ammont hekk deċiż minn din l-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali Nru. 546/2013, tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru.  /2014 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Nru.  /2014 ippreżentat kontestwalment, u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subbizzjoni li għaliha minn issa tinsab imharrka."[1].

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimata Dorothy Farrugia K.I. 13279G ta' nhar l-14 ta' Marzu 2014 fejn eccepiet[2]:

"1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

2. Illi ma huwiex minnu li l-attur ghadda xi flus lill-esponenti fl-ammonti indikati minnu fir-rikors ġuramentat, kif lanqas ma huwa minnu li kien hemm xi self *brevi manu* da parti tar-rikorrenti lill-esponenti.

3. Lanqas huwa minnu li l-esponenti immisapproprjat xi oġġetti minghand ir-rikorrenti.

4. Dwar l-allegazzjoni fir-rigward ta' rigali, l-esponenti tissottometti li l-oġġetti li taha r-rikorrenti kienu ta' ftit li xejn valur, u fit-tieni lok. la darba

[1] Folio 1 u 2 tal-process.
[2] Folio 9 u 10 tal-process.

xi haġa tkun inghatat b'rigal, ma jista jkun jifdal l-ebda dritt fid-donanti li jitlob ir-restituzzjoni ta' dak l-oġġett hekk donat.

5. Dejjem dwar din l-allegazzjoni, imbaghad, ma huwiex moghti d-dritt lid-donanti li jitlob ir-restituzzjoni ta' dak l-oġġett hekk donat minghajr ma qabel jitlob ir-rexissjoni tad-donazzjoni fit-termini tal-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili.

6. Ghaldaqstant it-talbiet attriċi ghandhom jiġu miċhuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

8. B'riferenza ghal kull paragrafu enumerat tar-rikors guramentat. I-esponenti tissottometti li:

a. L-ewwel paragrafu huwa korrett in parti u skorrett in parti ghaliex ir-relazzjoni bejn il-kontendenti damet mill-2009 sal-20 ta' Gunju 2013.

b. Illi l-esponenti tichad bhala skorrett il-kontenut tat-tieni paragrafu: huwa zgur li hija qatt ma kellha xi intenzjoni li tibni familja mar-rikorrenti u fir-rigward fiduċja u nuqqas ta' fiduċja, hija tista' tghid li hija xejn ma kienet thossha fdata mir-rikorrenti anzi pjuttost kienet tigi segwita minnu kull fejn tmur.

c. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet minhabba swat u vjolenza li r-rikorrent kien juza fil-konfront tal-esponenti.

d. Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghadda xi flus b'self brevi manu lill-esponenti:

e. Illi lanqas il-hames paragrafu ma huwa korrett;

f. Is-sitt paragrafu mhux korrett: l-esponenti u r-rikorrenti kienu ghamlu l-kontijiet ta' bejniethom, irrizùlta li hija kienet debitriċi lejh fl-ammont ta' ghaxart elef euro u hija ghaddietlu dan l-ammont ghas-saldu, liema ammont gie aċċettat mir-rikorrenti minghajr ebda riżervi kwalsiasi dwar xi dritt eventwali tieghu li jitlob iktar flus minghandha:

g. Illi lanqas ma huwa korrett dak iddikjarat fis-seba' paragrafu, b'mod partikolari mhux minnu li l-esponenti ghad fadlilha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €57,500 kif lanqas ma huwa minnu li hija mmisapproprjat xi flus jew oġġetti ohra. jew li hija ghandha troddlu xi flus jew oġġetti 'donati' minnu lilha;

h. Illi l-esponenti qatt ma weghdet lir-rikorrenti li ser thallsu xi flus iktar; appuntu ghaliex ma ghad fadlilha taghtih xejn. Ir-risposta tal-esponenti dejjem kienet wahda konsistenti,fis-sens li hija ma fadlilha xejn x'taqsam mar-rikorrenti;

i. Illi d-disa' paragrafu huwa korrett: u l-ghaxar paragrafu huwa parzjalment korrett fis-sens li huwa minnu li hija rrifjutat li thallas l-ammont mitlub mir-rikorrenti; imma dan kien biss u unikament ghaliex hija ma ghandha taghti xejn lill-istess rikorrenti."

Rat l-atti kollha.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Noel Vella.[3]

Rat ukoll li ghalkemm fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020 l-konvenuta inaghtat terminu ghan-nota responsiva taghha hija sal-lum baqghet inadempjenti.[4]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda allegat self li sar mill-attur Noel Vella favur l-intimata Dorothy Farrugia meta dawn milli jidher kienu f'xi tip ta' relazzjoni. L-attur jallega li dawn il-flejjes li ghaddielha matul is-snin kienu self brevi manu. L-ammont pretiz huwa ta' sebgha u hamsin elf u hames mitt Ewro (€ 57,500.00) circa kif ukoll ammont iehor ta' erbat elef u mitejn u erbgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€4,254.46) rapprezentati rigali u flus misapproprjati ad insaputa tar-rikorrenti.

[3] Folio 668 sa 684 tal-process.
[4] Folio 665 tal-process.

L-intimata minn-naha taghha tichad il-pretensjonijiet kollha, tghid li ma kien hemm l-ebda self brevi manu u di piu' dak li kien dovut intradd lura. Tichad li kien hemm xi misappropriazzjoni kif ukoll tikkontendi li r-rigali li inghataw kienu ta' ftit valur.

**Ikkunsidrat:**

Xehdet **Rita Vella** omm ir-rikorrenti fejn spjegat li hija kienet kuntenta bir-relazzjoni li kellu binha mal-intimata u li lil din tal-ahhar bdiet tikkonsidraha bhala qisa bintha. Tghid li matul is-snin hija kienet tghaddi diversi flus lil binha, ir-rikorrenti, ghax qalilha li kien bi hsiebu jixtri xi post u hija xtaqet tghinu biex ma jissellifx mill-bank.

Tghid li hija ma kinitx taf li binha qed jghaddi l-flus lill-intimat ghax hasbet li beda jfaddal l-flus biex jixtri xi appartament. Binha kien qallilha biex tmur ghand Dorothy is-Sannat peress li hu kellu argument maghha. Fil-fatt marret u sabet lil huha Josef fejn qalilha li hu ma kien jaf b' xejn fuq flus. Tiftakar li darba giet go darha u hija u binha kellhom argument shun fuq il-flus. L-ghada kienet cemplitilha u qaltilha li Noel kien ser ikollu l-flus lura kollha. Issostni li kienet prezenti kemm-il darba ma' Giovanni Cefai meta qal lil Noel li Dorothy ma ghandhiex flus. Finalment tghid li Josef kien qalilha li l-genituri tieghu marru l-bank biex jisselfu il-flus pero' dawn qatt ma waslu u binha Noel fetah dawn il-proceduri.[5]

[5] Folio 18 tal-process.

Xehdet permezz ta' affidavit **Lucienne Vella** li qalet li tigi oht ir-rikorrenti u li kienu jghixu fl-istess dar. Lill-intimata tafha ghax kellha relazzjoni fit-tul ma' huha Noel u kienet saret parti mill-familja.[6] Tghid li kienet saret qisha ohta u kienet tafdaha. Tghid li Dorothy ghandha hanut tal-hairdressing u allura kienet tinqeda ghandha. Issostni li huha kellu l-hsieb li jixtri propjeta' biex jibni familja ma' l-intimata.

Tghid li dwar flejjes li kien jaghti Noel lil Dorothy hija ma kienet taf xejn sakemm hareg minn programm ta' rijabilitazzjoni. Tghid li l-koppja kellhom dizgwid fuq il-flus u wara il-programm hija kienet qed issibha difficli biex tirritorna l-flus. Issostni li darba huha gabar ghaxart' elef Ewro (€10,000) minghand l-intimata u hin minnhom Dorothy qaltlu li l-kumplament taghtihomlu l-gimgha d-diehla. Tghid li huha minhabba l-flus kellu sitwazzjoni hazin f'sahhtu. Issostni li darba minnhom cempillha u marret ghalih l-isptar.

Fl-ahhar tghid li darba minnhom iltaqet ma' Giovanni Cefai li jigi r-ragel ta' oht Dorothy u spjegatlu s-sitwazzjoni u hu qalilha li l-genituri ta' Dorothy kienet gennithom u ma jafux fejn ser jaqbdu jaghtu b' rashom.

Xehed l-attur **Noel Vella** permezz ta' affidavit fejn qal li hu kellu relazzjoni twila mal-intimata bejn l-2008 u l-2013. Tghid li jafha ghax kellha hanut ir-Rabat u wara bdew johorgu flimkien u sifru diversi drabi flimkien.[7] Jghid li hu xtaq jixtri appartament peress li xtaq jibni relazzjoni aktar fis-sod ma' Dorothty u kienet ommu li taghtih il-flus biex ma jissellifx mill-bank. B' hekk il-flus beda jaghtihom lill-intimata wara li ddiskutew dan il-fatt. Jghid li Dorothy kienet taghmel tip ta' ircevuta jew kontijiet tal-flus li tajtha li

[6] Folio 19 tal-process.
[7] Folio 21 tal-process.

dawn matul iz-zmien kienu jlahhqu sebghin elf Ewro (€70,000) u kienet tpoggihom fil-gwardarobba tal-kamra taghha, ghax rahom huwa stess. Jghid li kienu marru jaraw xi apartamenti fis-Sannat ma' Louis Vella u Joe Bonnici. Jghid li hu kien inqabad fuq kaz ta' traffikar tad-droga u ma baqax jigri wara x-xiri ta' appartament. Hu kien mar programm tal-Caritas minflok skonta l-piena karcerarja pero' xorta baqghu flimkien. Jghid li wara l-programm hija ma baqghatx l-istess u bdiet tahrab id-diskors fuq il-flus. Bdiet tghid li l-flus izzommhom fis-safe ta' missierha pero' dan ma kienx minnu. Wara bdiet tivvinta skuzi varji. Tghid li hija temmet ir-relazzjoni permezz ta' sms u ghalkemm l-ewwel cahdet li kellha taghtih xi flus wara gabitlu ghaxart elef Ewro (€10,000) u ikkonfermatlu li baqaghlha taghtih il-bqija.

Jghid li kien tant jafdaha li anki kellha access ghal kont tal-Visa tieghu.

Xehed **Joseph Farrugia** nhar l-14 ta' Ottubru 2014 fejn ikkonferma li l-attur kien gharus lill-ohtu.[8] Jghid li l-attur qallu li ohtu kellha taghtih xi flus. Jghid li l-ewwel semmielu li ghandu jiehu tletin elf Ewro (€30,000) u wara sittin elf Ewro (€60,000). Hu qallu li ma kellux x' jaqsam. Jghid li qatt ma tkellem fuq hekk mal-familja tieghu.

Kontro-ezaminat jghid li ma jafx jekk l-ammont li qed jghid Noel huiex verament dovut.

Xehed **Silvestru Farrugia** nhar l-14 ta' Ottubru 2014 u jghid li l-attur jafu ghax kien mat-tifla tieghu. Kienu damu xi erbgha (4) snin. Jghid li jaf li ghaddielha xi flus biex izzommhomlu pero' l-ammonti kienu zghar hafna xi

[8] Folio 32 tal-process.

hamest elef Ewro (€5,000) jew ghaxart elef Ewro (€10,000). Jahseb li bintu kienet izzommhomlu. Jghid li bintu toqghod mieghu. Jghid li l-flus qatt ma rahom. Isostni li bintu dejjem hadmet. Jichad li qatt ghamlu preparamenti biex jibnu familja. Jaf li bintu taghtu xi flus u lilu qatt ma qaltlu xejn. Jaf li Noel beda jigri warjha ghal flusu. Jghid li jaf li taghthomlu ghax kellha bicca karta. Jahseb li l-karta ghada ghandha.

Kontro-ezaminat jghid li spiccaw minn xulxin minhabba li hu dahal jaghmel programm tad-droga. Jghid li Noel gieli mar biex jerfa' idejh fuqha.

Xehdet **Maria Farrugia** nhar l-14 ta' Ottubru 2014 u tghid li lil Noel Vella tafu ghax kien jorqod ghandhom u kienet tistmah bhal binha.[9] Kien l-gharus ta' bintha ghal madwar hames snin. Tghid li dan l-ahhar bintha ma kinitx sew minhabba ir-relazzjoni ma' Noel. Taf li kellhom ftit flus. Tghid li Noel ma kienx jahdem u dejjem hi hadmet. Kienu xi ghaxart'elef Ewro (€10,000) pero' ma tafx ezatt. Issostni li bintha kienet tafdah u ma kienx hemm ammonti kbar bejn hamest' elef Ewro (€5,000) u ghaxart'elef Ewro (€10,000). Tghid li hija taghtu lura ghaxart'elef Ewro (€10,000). Tghid li dawn gabithom hi mill-bank HSBC. Tghid li wara lilha ma kellimhiex. Tghid li darba gie id-dar u tkellmu fuq il-flus. Tghid li hu beda jitlob aktar flus. Min ghaliha ried xi sitta u hamsin elf Ewro (€56,000). F'dik il-gurnata bdew jillitigaw. Jghid li kien hemm Giovanni Cefai. Tghid li bintha bdiet tghidlu li ma jistax ikun kellu dawk il-flus kollha. Tghid li wara taghtu l-flus. Tishaq li kuntatt mal-familja Vella hija ma kellhiex. Tkompli tispjega li kienet bintha li ddecidiet li taghtih ghaxart elef Ewro (€10,000) u hija marret iggibhomlha. Dawn gibdithom mill-bank u kienu flusha. Ma tafx li ltaqghu darb'ohra.

[9] Folio 46 tal-process.

Tghid li bintha qatt ma tatha xi flus biex izzommhomlha. Hi hargithom minn taghha biex tehles minnu. Tghid li bintha kellha tati l-flus lir-rikorrenti u biex tehles minnu taghthomlu.[10] Issostni li hija ma kinitx prezenti meta taghthomlu l-flus u li marret bintha ghand l-avukat. Tghid li wara li taghtu dawn il-flus hu ippretenda aktar.

Xehdet **Simone Cefai** nhar il-25 ta' Novembru 2014 u tghid li lill-attur tafu ghax kien ikellem lill-ohtha.[11] Ma tafx kemm damu jkellmu lil xulxin pero' aktar minn sena. Taf li kellhom xi jghidu ukoll pero' hija qatt ma kienet tiftah qalba maghha.

Xehed **Giovanni Cefai** nhar il-25 ta' Novembru 2014 li qal li hu r-ragel ta' oht Dorothy Farrugia u hu jaf lill-attur ghax kien johrog ma' oht il-mara. Sa fejn jaf hu illum ma jitkellmux. Jghid li darba Noel cempillu u hu pprova jaghmilha ta' intermedjarju pero' Dorothy ma riditx taf u hu ma indahalx aktar. Jghid li jaf lill-genituri ta' Noel ukoll.[12] Lil oht Noel kien ikellimha bhala hbieb u jaf li kienet tahdem ta' Pennellu.

Kontro-ezaminat jghid li kien jaf li Noel ried jibqa' johrog ma' Dorothy pero' hija ma riditx u kienet marret hdejn ohtha b'xi tbengil. Ma kienx jitrattaha tajjeb. Jghid li Noel Vella dejjem kien ikun ghand omm il-mara u kien jiekol ta' spiss hemm.[13]

---

[10] Folio 64 tal-process.
[11] Folio 77 tal-process.
[12] Folio 83 tal-process.
[13] Folio 87 tal-process.

Xehed **Giovanni Debattista** nhar il-25 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-Banif Bank u qal li Dorothy Farrugia ghandha kont kurrenti u credit card.[14]

Xehed **John Camilleri** nhar il-25 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-Lombard Bank fejn qal li l-partijiet ma ghandhom l-ebda kontijiet maghhom.[15]

Xehed **Mario Galea** nhar il-25 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-HSBC Bank u ipprometta li jgib l-informazzjoni darb'ohra.[16]

Xehed **Karl Buhagiar** nhar il-25 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-APS Bank fejn qal li l-partijiet ma ghandhomx kontijiet maghhom.[17]

Xehed **Alvin Scicluna** nhar il-25 ta' Novembru 2014 in rapprezentanza tal-BOV plc u qal li Noel Vella ghandu savings account. L-istess ghandha Dorothy Farrugia.[18]

Ir-rikorrenti permezz ta' nota ezebixxa dokumenti li juru messaggi bejn iz-zewg kontendenti.[19] Jidher li f'dawn il-messaggi hemm car ir-relazzjoni intima taghhom imma jidher li lejn Gunju 2013 ir-relazzjoni marret ghall-aghar u mill-istess messaggi tirrizulta talba ghall-hamsa u ghoxrin elf Ewro

---

[14] Folio 88 tal-process. **Valuri f' dan il-kont huma insignifikanti meta komparat mat-talba tal-attur-Dok GD 1**.
[15] Folio 94 tal-process.
[16] Folio 96 tal-process.
[17] Folio 99 tal-process.
[18] Folio 101 tal-process. **Milli kontijiet taz-zewg kontendenti jidher li l-valuri fihom huma baxxi.**
[19] Folio 130 sa folio 154 tal-process.

(€35,000) li  pero' l-intimata tghid li diga' taghtu ghaxart'elef Ewro (€10,000) minnhom![20]

Ir-rikorrent ipprezenta ukoll nota b'komunikazzjoni bejn il-partijiet. F' wahda mill-konversazzjonijiet tissemma ic-cifra ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) mill-attur bil-konvenuta tghid li ser taghtihomlu.[21]

Xehed **Mario Galea** ghan-nom tal-HSBC nhar il-21 ta' Jannar 2015[22] fejn qal li Rita Vella ma kellhiex kont maghhom.  Mary u Silvestru Farrugia kellhom kont li sa Novembru kellu bilanc ta' ghaxart'elef u ghaxar Ewro (€10,010).  Noel Vella ma kellu l-ebda kontijiet maghhom pero' fil-passat kellu xi savings u fixed deposits.  Dorothy Farrugia ghandha kont savings u kurrenti  b' somom baxxi hafna.[23]  Jispjega li seba' mija u hamsin Ewro (€750) fix-xahar huwa zieda fil-kapital u mhux interessi.[24]

Rega' xehed Mario Galea in rapprezentanza tal-HSBC nhar l-4 ta' Marzu 2015 fejn qal li Noel Vella ma kellux debit jew credit card.[25]

Ir-rikorrenti ezebixxa sett ta' ritratti ta' bini permezz ta' nota.[26]

Xehed **Louis Vella** li qal li huwa kuntrattur tal-bini.[27]  Qal li jaf iz-zewg kontendenti pero' qatt ma kellmuh fuq bini jew propjetajiet. Muri ritratti ta'

[20] Folio 153 – 154 tal-process.
[21] Folio 157 et seq. tal-process.
[22] Folio 158A tal-process.
[23] Folio 158B. tal-process.
[2424] Jidher li fil-kont MG2 ta' Noel Vella kienu qed jidhlu depositi regolari.  MG3 huwa bi ftit flus ta' Dorothy Farrugia.  MG 4 u MG 5 jidhru bilanci zghar,  dawn jghajjtu lil Dorothy Farrugia.
[25] Folio 304 tal-process.
[26] Folio 309 tal-process.
[27] Folio 315 tal-process.

xi propjetajiet qal li lanqas biss jaf fejn huma. Jichad li xi hadd mill-kontendenti kellmuh fuqhom.

Xehed **Joseph Bonnici** nhar id-29 ta' April 2019 u qal li hu jbiegh propjetajiet u l-aktar li jaf hija lil Dorothy Farrugia. Qal li darba giet tixtri penthouse minn ghandu.[28] Jghid li kienet akkumpanjata minn Noel Vella. Eventwalment il-biegh ma sarx. Muri ir-ritratti jikkonferma l-propjeta' li qed jixhed dwarha. **Jghid li fuq prezz ma tkellmux** pero' bieghha mija u ghaxart elef Ewro (€110,000).

Kontro-ezaminat jghid li **qatt ma semmewlu prezzijiet Vella u Farrugia**. Huma urew interess biss.

Xehdet **Dorothy Farrugia** permezz ta' affidavit li mieghu ezebit skrittura iffirmata minnha u minn Noel Vella fejn tghid li huwa ircieva minn ghandha ghaxart'elef Ewro 10,000. Din l-iskrittura hija datata 24 ta' Mejju 2013.[29] Tghid li hija bdiet tohrog ma' Vella fl- *2009 u damet mieghu sa 2013*. Tghid li hu kien suldat ***pero' wara qabad il-vizzju tad-droga u ma baqax imur ghax-xoghol***. Hija kienet tahdem self-employed ta' hairdresser u kellha introjtu decenti. Tghid li finanzjarjament kienet indipendenti u anzi aktar kienet tohrog flus hi milli hu meta johorgu. Mhux minnu li hija ghanda taghtih xi flus u meta tistaqsih fuq kif gab dawn ic-cifri hu qatt ma kien iwiegeb. Infatti ma hemm ebda skrittura bejniethom. Tghid li Noel Vella u familtu ma kinux sinjuri u ma kellhomx flus zejda. Tghid ukoll li jekk ircviet xi rigali minghand Noel allura dawn saru taghha. Barra minn dawn ir-rigali ma kinux jiswew aktar minn erbat'elef Ewro (€4,000) b' kollox. Tghid li ma jispjegax ghalfejn il-flus ma setax izommhom ghandu u lanqas ghalfejn

[28] Folio 319 tal-process.
[29] Folio 303 tal- process.

ommu ma setetx izzommhom hi. Mhux vera li hija kienet taghmel xi ircevuta meta kien jaghtiha l-flus u l-unika ircevuta kienet dik ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000) meta hija raddet xi flus lura lilu. Tghid li hu taghha xi flus biex izzommhomlu u dawn kienu madwar ghaxart'elef Ewro (€10,000). Hu kien jghaddi perjodikament bejn mitejn Ewro (€200) u hames mitt Ewro (€500). Ma kienx jghid minn fejn kien qed igibhom u wara li inqabad bid-droga u bil-kuntrabandu irrealizzajt li kienu gejjin minn kriminalita'. Pero' tghid dawn il-flus kont raddithom lura. Tichad li xi darba ghamlu pjanijiet serji biex jixtru xi appartament. Lanqas ma hu vera li qaltlu li l-flus qed izzommhom f'safe u hu kien jiffrekwenta id-dar taghhom spiss u kienet qisha daru u kien jiekol spiss hemmhekk. Tghid li omm Noel ma jistax ikun li taghtu xi flus biex jixtri flat ghax lil ohtu Lucienne ma ghinitix ghalkemm din hija aktar qrib taghha.[30] Tghid li wara li r-relazzjoni spiccat hu beda jissikkaha ghal flus u hu kienet taghtu ghaxart'elef Ewro (€10,000). Din kienet uzathom biex taghmel refurbishment tal-hanut u allura radditomlu lura. Wara li hallsitu regghet bdiet tohrog mieghu pero' wara hassru darba ghal dejjem. Tghid li Noel kien aggrediha l-Qbajjar u hija marret talbet ghall-ghajnuna.[31] Infatti hija kellha diversi griehi.[32] Hu beda jheddidha fuq il-flus u ma kienx lanqas konsistenti fuq l-ammont. Jghid li hu kien inqabad ukoll bil-kuntrabandu tas-sigaretti u kien refa' idu fuqha pero' ma irrapurtatux ghax kien fuq bail.

Xehed l-i**Spettur Bernard C. Spiteri** nhar it-30 ta' Settembru 2015 fejn ezebixxa il-fedina penali ta' Noel Vella.[33]

[30] Folio 327 tal-process.
[31] Folio 327 tal-process.
[32] Folio 331 sa 334 tal-process.
[33] Folio 341 tal-process. **Fl- 10 ta' Novembru 2011 gie issentenzjat 6 xuhur habs ghar-reati ta' 18 u 19 ta' Dicembru 2010 u is-snin ta' qabel fuq traffikar u pussess ta' droga**.

Xehed **Alvin Scicluna** in rapprezentanza tal-BOV plc nhar it-30 ta' Settembru 2015 fejn ezebixxa l-istatements ta' xi kontijiet li ghandu Noel Vella.[34]

Xehed **Mario Galea** in rapprezentanza tal-HSBC fit- 30 ta' Settembru 2015 fejn spjega fuq il-kont term deposit ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000) li kellu Noel Vella.[35]

Xehdet **Rita Vella** nhar id-9 ta' Dicembru 2015 fejn tghid li l-flus lil binha Noel Vella ma tathomlux f'daqqa. Tghid li tathomlu ftit ftit. Tghid li taghtu xi sittin elf Ewro (€60,000). Mija kull darba. Tghid li hija kienet taghtih daqqa hames mitt Ewro (€500), daqqa mitt ewro (€100)[36]. Tghid li gieli taghtu aktar minn elf ewro (€1,000) fix-xahar. Tghid li hija tahdem cleaner u zewgha jahdem fuq il-Gozo Channel. Tghid li bejniethom jaqilghu xi tlett elef Ewro (€3000) li jiddependi mill-overtime. Tghid li hija tghix ma' zewgha, bintha u t-tifla tat-tifla. Tghid li hija tmur il-bank u tigbed minnhom, tar-ragel u hija tithallas cash.[37] Hija tahdem bil-ktieb tax-xoghol. Tghid li hija tahdem part-time saghtejn kuljum. Tghid li zewgha elfejn u tmien mitt Ewro (€2,800) fix-xahar dejjem qabadhom.

Rega' xehdet Rita Vella nhar is-17 ta' Frar 2016 fejn ezebit l-FS 3 ta' zewgha.[38] Ma tafx ezatt meta binha kisirha mal-intimata. Tghid li 2006 hija wirtet minghand missierha. Tghid li hija wirtet madwar hamsa u erbghin

---

[34] Folio 344 tal-process. **Il-Qorti tinnota li l-ammonti huma zghar hlief ghat-term deposit ta' Ewro 10,000 li inghalaq fit- 3 ta' Mejju 2011- folio 350 tal-process**.
[35] Folio 352 tal-process.
[36] Folio 401 tal-process.
[37] Folio 404 tal-process.
[38] Folio 410 tal-process.

hamsin elf Ewro (€50,000 - 45,000). Tghid li l-intimata kienet tigri wara binha.[39]

Rega' xehdet Rita Vella nhar it-8 ta' Gunju 2018 u cahdet li dak li gibdet mill-accounts kollha taghthom lill-binha biex ghaddihom lill-intimata.[40] Tghid li hija ma kinitx tiktiblu kemm taghtih lil binha. Giet mistoqsija fuq kont fiss u hija qalet li ma tiftakarx. Tghid li fl-2011 tahseb li ma kinitx tahdem imma bieghet xi raba'. **Tghid li fi tlett snin lit-tifel taghtu bejn erbghin elf u hamsin elf Ewro (€40,000 u €50,000)[41].** Tichad li qatt xtrat propjeta' f'dawk iz-zminijiet. Gie allegat li xtrat propjeta' minn ghand Karkanja. Tghid li xtrat l-arja u bnieha t-tifel. Tghid li l-arja inbniet mit-tifel ghax hu joqghod go fiha. Issostni li l-bennej hallsu t-tifel. Tispjega li t-tifel James Vella u mhux Noel. Spjegat kif kien isir il-pagament fuq l-arja.

Xehed **Euchar Vella** nhar il-25 ta' Ottubru 2016 fuq il-kuntratt ta' appalt li sar ma' Rita u Loreto Vella u qal li kien jiswa madwar tletin elf Ewro (€30,000). Kien ghal Triq is-Sajjied, Marsalforn. Jghid li kien hemm sub-contractors fin-nofs tat-transazzjoni. Jghid li l-hlas sar wara l-kuntratt.[42]

Rega' xehed **Alvin Scicluna** f'isem il-BOV plc nhar il-25 ta' Ottubru 2016 dwar it-trasaazzjoni ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000) tat-3 ta' Mejju 2011 u qal li gie minn kont ta' terzi u depozitat fil-kont ta' Rita Vella. Wara infetah term deposit iehor.[43] Jghid li hemm term account iehor li imbaghad mar fis-

[39] Gie ezebit id-dhul gross ta' Loreto Vella, missieri r-rikorrenti bejn 2008 sa 2014. -a folio 425. Statement ta' Rita Vella Folio 433- Total Ewro 60, 424 tal-process.
[40] Folio 410 tal-process.
[41] Folio 417 tal-process.
[42] Folio 509 tal-process.
[43] Folio 512 tal-process.

savings ta' Rita Vella. Fit- h3 ta' Mejju 2012 ingibdu ghaxart'elef Ewro (€10,000) in kontanti.

Kontro-ezaminat jikkonferma li l-ammonti jingibdu minn wiehed u jidhlu f' iehor, kien hemm rotation.

Xehdet permezz ta' affidavit **Charmaine Formosa** fejn qalet li ilha taf lil Dorothy Farrugia ghal diversi snin u sahansitra darba minnhom kienet siefret maghha. Tghid ukoll li kienet taf l-attur pero' mhux daqstant daqs kemm taf lill-intimata. Tghid ukoll li lil Farrugia tafha bhala mara dejjem finanzjaramanet indipendenti u li Noel kien pussessiv hafna fuq it-tfajla tieghu.[44]

Xehdet **Josianne Xerri** permezz ta' affidavit u qalet li lil Dorothy Farrugia ilha tafha mill-2008 u kienet tfajla biezla u tistinka biex taqla' l-flus. Hija tispjega li skond hi Noel kien pussessiv fuq Dorothy u li kien jaqbad maghha anki meta kellu relazzjoni ma' terza. Tghid li hija siefret maghha Sqallija u li anki hemm il-mobile baqa' icempel u kien ikun Noel.[45] Tishaq li taf li fl-2012 Noel kien dahal il-Caritas ghax kien inqabad bid-drogi.

Xehed l-**Avukat Dr. Joseph Attard** in rapprezentanza tad-Direttur Registru Socjali fejn ipprezenta dokumentazzjoni dwar il-beneficcji socjali li kien jiehu Noel Vella bejn 2009 - 2013. **Jghid li bejn 26 ta' Lulju 2011 sa 3 ta' Awwissu 2012 hu kien qed jiehu l-beneficcji tal-qaghad.**[46] **Jghid li hu kien qed jiehu ukoll xi sussidju minhabba id-dipendenza bejn 23 ta'**

[44] Folio 538 tal-process.
[45] Folio 539 tal-process.
[46] Folio 541 tal-process.

**Gunju 2012 sa 26th Ottubru 2012**[47] Jghid li dan hu eligibbli ghalih min ma ghandux kapital ta' aktar minn erbatax-il elf Ewro (€14,000).

Kontro-ezaminat jghid li min hu kap ta' familja jew jghix wahdu hu eligibbli ghal tali assistenza. Jghid li biex tibbenefika mill-unemployment benefit trid tkun ghamilt xi zmien tahdem qabel. Jghid li dan hu beneficcju ta' assistenza socjali, komunament maghruf bhala relief.

Xehed **Joseph Chircop** nhar it-2 ta' Marzu 2017 li **jghid li l-attur dahal id-Drug Rehabilitaion Programme San Blas fit 2 ta' Frar 2012 u talba DAD (Drug Adiction Dependency) benefit li dak iz-zmien kien ta' 23.29 Euros fil-gimgha.**[48] **Imbaghad hareg mill-programm u nqalbet ghajnuna socjali mit-23 ta' Lulju 2012.** Jghid li jekk kellu xi arretrati gew imhalsa in kontanti u dawn kienu ghall-programm semi-residenzjali.

Kontro ezaminat jghid li fl-2009, 2010, 2011 ma ha l-ebda beneficcji. Hu ha biss ghax-xuhur indikati tal-2012.[49]

Xehdet **Marthese Borg** nhar it-2 ta' M2017 u qalet li l-kontendenti tafhom pero' kienet ilha ma tarahom. Tghid li hija kienet il-key worker ta' Dorothy u hareg li hija kienet mara b'karrattru b'sahhitha u kienet qed terfa' r-responsabilita' ghaliha u ghal Noel. Noel kien good guy pero' jemmen li l-ahhar kelma kienet trid tkun tieghu.[50]

[47] Folio 542 tal-process.
[48] Folio 555 tal-process.
[49] Folio 560 tal-process.
[50] Folio 568 tal-process.

Kontro-ezaminata tghid li meta kienet il-key worker ta' Dorothy ir-relazzjoni kienet ghada ma spiccatx.

Rega' xehdet **Rita Vella** nhar it-2 ta' Marzu 2017 u mistoqsija jekk inkluditx withdrawals ta' tletin elf u hames mitt Ewro (€30,500) u elfejn Ewro (€2,000) fit-total taghha tghid li ma tafx bl-amment.[51] Tghid li hija kellha mija u sittin elf Ewro (€160,000) pero' lil Noel ma tatux daqsekk. Taqbel li l-ktiba a folio 479 hija taghha. Taqbel li hemm sebgha u tletin elf u hames mitt Ewro (€37,500) inkluz f'dak ir-rendikont. Issostni li tnejn u tletin elf u hames mitt Ewro (€32,500) gabrithom ghax kellha t-tifla ser tizzewweg. Tghid li dawk il-flus ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' Dorothy ghax kienu diga' iggieldu.

Kontro-ezaminata tghid li dawk il-flus hargu mill-bank. Tghid li fit-2013 ma baqghux flimkien ghax x' hin ma ghaddilhiex aktar flus parpret 'l hemm.

Taf li Dorothy ghandha tifla minn haddiehor pero' ma tafx kemm ghandha zmien. Taf li binha ghandu tfajla ohra pero' ma ghandhomx tfal.

Giet ipprezentata nota ta' **Joseph Chricop** datata 13 ta' Marzu 2017 fejn ipprezenta rendikont tal-beneficcji ircevuti minn Noel Vella:

**DDA: 4/2/12 sa 22/6/12**

**Semi- residential assistance: 23/6/12 sa 13/7/12**

**Unemployment benefit: 26/7/11 sa 23/1/2012**[52]

[51] Folio 573 tal-process.
[52] Folio 587 tal-process.

Xehed **Dr. Brian Gatt** nhar id-9 ta' Novembru 2017 dwar ic-certifikat mahrug nhar l-24 ta' Gunju 2013.[53] Qal li l-konvenuta kellha tbengil u qalet li kellha argument xi jumejn qabel. Jghid li t-tbengil huwa kompatibli ma' ghafsa.

Xehdet **Josephine Xerri** in kontro-ezami u qalet li l-affarijiet li ddikjarat fl-affidavit tafhom hi minn mohha. Taf li ir-relazzjoni bejn Dorothy u Noel ma kinitx tajba ghax meta tkun maghha u jibaghtilha kienet taraha. Dejjem imdejqa u tibki. Anki meta kienu Sqallija dejjem jiffittaha fuq il-mobile tant li qaltlu biex jerhilha. Taf li Noel ma kienx iridha ma' persuna maskili iehor. Meta kienu ma' xulxin tahseb li tajjeb kienu. Taf li t-tieg taghha gew flimkien u dan kien fl-2011. Wara ma baqghux ma' xulxin wara xi sena. Ma tafx li kien hemm kwistjoni ta' flus bejniethom.[54]

Xehdet **Charmaine Formosa** nhar it-23 ta' Ottubru 2018 in kontro-ezami u tghid li dak li semmiet fl-affidavit ghexithom hi[55]. Tghid li Noel dejjem icemplilha meta kienet tohrog maghha imma din ma' kinitx tohrog ma' Dorothy kuljum. Tghid li fuq l-incident ta' Sphinx ma hassitx li ghanda taghmel rapport lill-pulizija. Tghid li meta johorgu Dorothy qatt ma kellha problemi ta' flus. Kienet tajjeb, kienet tohrog, tilbes, tixtri. Ma tafx kemm taqla' jew kemm kellha flus il-bank. Taqbel li Dorothy qaltilha biex taghmel l-affidavit. Taf li l-kawza fuq xi flus pero' mhix certa.

[53] Folio 599 tal-process
[54] Folio 623 tal-process.
[55] Folio 625 tal-process.

Ri-ezaminata tghid li gieli harget il-weekends maghha. Matul il-gimgha gieli iltaqghu fil-ghaxija ukoll. Meta icemplilha u jibaghtilha l-messaggi gieli ma haditx pjacir.

Xehdet l-intimata **Dorothy Farrugia** nhar it-23 ta' Ottubru 2018 in kontro-ezami u tghid li l-ghaxart'elef Ewro (€10,000) kien taghhomla hu u taghthomlu lura. Il-flus ma kinux mislufin imma tahomlha biex izommhomlu. Ma kienx hemm kitba bejniethom. Gharfet l-istkrittura ta' meta ntraddu lura. Issosnti li ma kellhiex taghtih aktar. [56] Tghid li wara Mejju 2013 il-komunikazzjoni bejniethom baqghet ghaddejja u beda jheddidha ghax ried aktar flus. Tghid li Noel kellu tlett mobiles u gieli hadilha taghha. Tghid li hu kien pussessiv fuqha u anki jikkontrollalha l-emails. **Konfrontata bil-messagga ta' 24 ta' Gunju (2013), ossija wara li kienu spiccaw ir-relazzjoni issaqsi min kitbu**![57] Tikkonferma li l-mobile 99805244 huwa taghha. Tghid li l-flus kien tahomla missierha u kienet tmur il-bank biex tirranga fuq il-flus. Tikkonferma li wara li taghtu l-ghaxart'e;ef Ewro (€10,000) qatt ma marret il-bank biex tissellef il-flus. Issostni li hija kienet tibza' hafna minn Noel. **Tghid li Noel dejjem kien jigi b'cifri differenti.[58] Ma taqbilx li kien taghha b'erbat elef Ewro (€4,000) rigali.** Ma taqbilx li f'mument minnhom kienet qablet li tghaddilu hamsa u tletin elf Ewro (€35, 000).

Rega' kompla l-kontro-ezami ta' Dorothy Farrugia nhar is-6 ta' Dicembru 2018 u saret referenza ghal CD u it-traskrizzjonijiet relattivi datati 3 ta' Gunju 2013.[59] Tghid li hija kienet mhedda. Tichad li marret tigri ghand nies u ghand il-banek biex tissellef aktar flus u tghid li l-ghaxart'elef Ewro

[56] Folio 639 tal-process.
[57] Folio 640 tal-process.
[58] Folio 644 tal-process.
[59] Folio 648 tal-process.

(€10,000) isselfithom minghand missierha. Tghid li fil-mument li hemm it-traskrizzjoni kienet ghaddejja minn mument difficli. Taccetta li l-vuci fir-recordings hija taghha. Tichad li kella taghtih aktar milli taghtu. **Tghid li l-arrangamenti kienet semmiethom sforz il-biza'[60].**

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proceduri ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta Dorothy Farrugia hija dovuta thallas l-ammont ta' wiehed u sittin elf u seba' mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta' u erbghin centezmu (€61,754.46) **jew kull ammont iehor akbar** deciz minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti ammonti ta' flus dovut lir-rikorrenti Noel Vella, inkluz imghaxxijiet fuq l-imsemmija ammonti u b'hekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lura u tirrifondi l-flus lil Noel Vella.

Fis-sentenza **Joseph Mary Cachia vs Argus Insurance Ltd.(C 597)** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-17 ta' Ottubru 2018 per Onorevoli Imhallef Anna Felice intqal is-segwenti:

***Kif inghad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-31 ta" Jannar 2003, fil-kawża fl-ismijiet Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi: „il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed". Dan għaliex kif inhu ben ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-Qorti ma tistax tissostitwixxi talba speċifika b'oħra. Il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni wkoll tisħaq fuq dan il-punt meta fis-sentenza tagħha tat-28 ta" April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet L-Avukat Dr. Robert Montalto noe vs Edwin Bartolo et irriteniet illi: "Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Raymond Grima et vs Frank Said et, deciza fil-25 ta' Novembru, 2016: Il-***

[60] Folio 652 tal-process.

***gurisprudenza taghna taghmilha cara li l-ebda Qorti, b'mod specjali f'kawza quddiem Qorti superjuri (a kuntrarju ta' kawza quddiem Qorti inferjuri) ma tista' twessa' t-talba li tkun imressqa mill-atturi.***

***Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis- sentenza taghha fl-ismijiet Carmelo Cassar v. Victor Zammit insenjat illi: "Hu maghruf, u anke accetat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni." "Hekk ukoll fil-kawza Grech v. Valenti, deciza wkoll minn din il-Qorti fis- 27 ta' Frar, 2015, inghad li l-qrati ghandhom joqghodu ghat-talba kif imfissra fl-att promotur, u l-qorti "ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni.***"[61]

**Dan ifissir li mill-atti jrid jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, li Dorothy Farrugia ghandha taghti lill-Noel Vella Ewro 61,754.46 jew ammont AKBAR minn dan u MHUX ammont anqas minn dan ghax hekk hija pprenjata t-talba u l-Qorti trid timxi strettament ma' dak li huwa mitlub. F'kazijiet bhal dawn huwa l-attur li jrid jipprova li l-ammont, dak l-ammont mitlub fit-talba, hu dovut mill-intimata. Kull dubbju jimmilita favur l-intimata. B'hekk skont l-itess talba tal-attur**

[61] Pagna 12 – 13 tas-sentenza. Ara ukoll **Ufficjal Mediku Ewlieni vs Neville Gafa'** deciza mill-Qorti tal-Appell ( Sede Inferjuri) App. 140/2017 LM nhar l- 4 ta' Novembru 2020 per Onorevoli Imhallef Lawrence Mintoff.

**permezz tal-provi migjuba in atti irid jigi ippruvat li l-ammont SHIH jew AKBAR huwa dovut lir-rikorrenti.**

**Ikkunsidrat:**

Qabel ma' tinoltra oltre' il-Qorti tqis li ghandha taghmel riassunt tal-punti saljenti li johorgu minn dan il-kaz li issa ilhom jigu dibattuti 'l fuq minn ghaxar snin.

1. **Il-partijiet dahlu f'relazzjoni li bdiet fl-2009 u spiccat madwar Mejju 2013;**

2. **Tidher li ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet minn dejjem xi ftit jew wisq turbolenti;**

3. **Jirrizulta li mis-26 ta' Lulju 2011 sa 13 ta' Lulju 2012 ir-rikorrenti kien qed jippercepixxi flus minn diversi skemi tas-sigurta' socjali;**

4. **Jirrizulta b'mod ampju li hu kien mhux biss ibaghti mill-vizzju tad-droga izda ukoll kien ivolut fit-traffikar taghha tant li fl-10 ta' Novembru 2011 gie issentenzjat 6 xhur habs ghar-reati ta' 18 u 19 ta' Dicembru 2010 u s-snin ta' qabel fuq traffikar u pussess ta' droga. Dan jista' jfisser biss li d-dipendenza tieghu kienet tant kbira li waqa' biex jitraffika d-droga biex izomm il-vizzju tieghu. Dan hu ikkonfermat ghaliex kellu jidhol jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni tad-droga. Kif inhu ben risaput ghall-programm jidhlu persuni li ghandhom dipendenza qawwija fuq is-sustanza/i.**

Mid-dicitura ukoll tal-fedina penali hu ovvju li d-dipendenza kienet ilha fuqu u kien ilu jittraffika ghax l-pulizija xlewh mhux biss ghal perjodu Dicembru 2010 izda ukoll ghas-snin ta' qabel. Mela dan ifisser li meta Farrugia bdiet tohrog mieghu kien diga' qed jabbuza u jittraffika. Jirrizulta ukoll li f'parti kbira ta' 2012 hu kien qed jiggieled biex johrog mill-vizzju.

5. Hu ben maghruf li min ikollu l-vizzju tad-droga ma jgemmgax flus, anzi iberbaqhom u allura hu logiku li fil-perjodu tal-gherusija bejn Vella u Farrugia l-flus li kienu qed jghaddu ghand ir-rikorrenti kienu qed jintuzaw, tal-anqas fil-parti l-kbira taghhom, biex jissostanzjaw il-vizzju tieghu u mhux biex igemmaghhom biex jibni familja mal-intimata!

6. Ma hemmx prova tajba fl-atti li l-partijiet kienu qed ifittxu appartament biex jixtruh flimkien. Il-fatt li wiehed imur darba jew tnejn biex jara xi bini minghajr ma jiddiskuti prezz jew jidhol aktar fil-fond ma jfissirx li ser jixtrieh u wisq anqas li ser jaghmel dik it-transazzjoni importanti biex jibni familja.

7. Rita Vella qatt ma ghaddiet il-flus lill-Farrugia direttament u dejjem ghaddithom lil Noel Vella, binha, li kif diga' inghad kellu problema akuta tad-droga u mal-gustizzja.

8. Rita Vella ma tafx kemm kienet ghaddietlu flus kif lanqas ma jaf Noel Vella. Infatti mix-xhieda taghhom jissemmew diversi cifri. Noel Vella lanqas jaf kemm ghadda flus lill-intimata u anki hu fil-kors tal-provi isemmi diversi cifri.

9. **Loreto Vella, missier ir-rikorrenti u milli jirrizulta huwa l-main bread winner tal-familja, dak iz-zmien, qatt ma xehed f' dawn il-proceduri u huwa stramb kif qisu ma kien jaf b'xejn ladarba l-ammont riklamat hu sostanzjali u kien qed jittiehed principarjament mill-paga (introjtu) tieghu. Ic-cifri li jissemmew ta' mitt ewro u hames mitt ewro fix-xahar mhux cifri zghar meta wiehed iqis li l-introjtu familjari gej biss mis-salarju. Wiehed irid jghid li mill-kontijiet bankarji tal-familja Vella ma jidhirx li kien hemm disponibilita' finanzjarja kbira u allura l-ammont allegatament mghoddi mill-omm versu l-iben f' perjodu relattivament qasir ta' sentejn (2)[62], ghax wara inqabad jitraffika id-droga u dahal jaghmel programm, huwa pjuttost konsiderevoli!**

10. **Ma hemmx provi fl-atti tar-rigali li allegatament Noel Vella ta lill-intimata. Wisq anqas hemm elenku taghhom jew prova ta' xi valur.[63]**

11. **L-intimata tammetti li Vella kien jghaddilha xi flus biex izzommhomlu, pero' tichad li l-ammont kien ta' aktar minn ghaxart'elef Ewro (€10,000) - l-ammont li fil-fatt irrestitwiet f'Mejju 2013.**

**Ikkunsidrat:**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrenti jghid li l-azzjoni hija arginata fuq *self brevi manu*. Kif diga' inghad aktar 'l fuq din il-Qorti mill-

[62] 2009- 2010. Il-Qorti lest li tikkoncedi 24 xahar shah ghalkemm anki fuq dan il-perjodu ghandha id-dubbji taghha peres li l-ammonti ta' x' inghata f' kull interval mhux cert.
[63] Punt 7 fit-talba jissemma l-ammont ta' Ewro 4,254.46.

provi oggettivament quddiemHa ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-flus li Noel Vella ghadda lil Dorothy Farrugia kienu xi tip ta' self biex hija taghmel xi haga jew kif ghall-ewwel beda jikkontendi hu u ommu Rita Vella biex dawn jintuzaw biex jixtru xi appartament.

Il-Qorti aktar tara li hija kredibbli l-linja li l-flus kienu qed jghaddu minn Noel Vella lill Dorothy Farrugia jew ghax dawn kienu gejjin minn attivita' illecita in relazzjoni mat-traffikar tad-droga u b' hekk kienu aktar difficli biex jinqabdu mill-agenziji ta' infurzar jew inkella vera dawk il-flus, jew aktar verosimili parti zghira minnhom, kienu qed jitfaddlu minn Noel Vella wara li kienet qed tghaddihomlu ommu pero' ma riedx ihallathom mal-flus gejjin minn provenjenza illecita u ghalhekk ghaddihom lill-intimata. Jista' jkun li Noel Vella beda jsir aktar konxju mill-problema akuta tad-droga li kien dahal fiha u alluar biex ma jispiccax lampa stampa, u hawn ghamel sew, beda jgemma' xi haga ghal taht rasu u tant kien jafda lill-intimata li ddepozitahom ghandha.

Il-Qorti mill-assjem tal-provi u tal-kronologija tal-fatti temmen li Noel Vella kien **aktar qed jiddepozita l-flus** ghand Dorothy Farrugia milli jsellef l-istess flus lilha[64]. Il-fatt li l-intimata tghid li dawk il-flus uzathom biex tirranga il-hanut, u dan ad insaputa ta' Vella milli jidher, ma jfissirx li b' daqsekk Vella sellifhomlha ghal xi zmien qasir! Il-Qorti tal-Appel fil-kawza **Paul Gauci et vs Joseph Mugliette** (Cit. Nru. 712/82 NA) deciza fid-9 ta' Frar 2001 per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino flimkien ma' l-Onorevoli Imhallef Carmel A. Agius u l-Onorevoli Imhallef Joseph D. Camilleri tenniet:

[64] Lanqas jidher li kien xi self ghal konsum jew mutwu- Art. 1842 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

***Din il-Qorti wkoll ma tistax ma tqisx illi, taht kull aspett kemm jekk il-flus kienu gew fdati f'idejn l-appellant sempliciment biex jamministrahom kemm jekk il-flus ikunu gew iddepozitati f'idejh u bil-kunsens tal-attur uzahom ghall-bzonnijiet tieghu, kemm jekk gew depozitati f'idejh biex jamministrahom u minghajr il-kunsens tal-attur dawwarhom ghall-uzu tieghu, f'kull kaz tibqa tirrikorri l-figura tad-depozitu li fiha hemm inplicitu il-konsenja tal-flus lid-depozitarju biex dan jamministrahom fl-interess tad-depozitant li lilu jkollu fil-mument gust li iroddhom. Id-depozitu in generali huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta' haddiehor, bl-obbligu li jikkustodiha jroddha n-natura (Artikolu 1891 tal-Kap 16). Meta d-depozitu jkun volontarju, il-kuntratt ghandu necessarjament minn-natura tal-mandat, ghaliex id-depozitarju jkun obbligat li jezegwixxi l-volonta' tad-depozitant u jagixxi skond il-mandat lilu moghti fl-amministrazzjoni tal-oggett fdat f'idejh.***[65]

Ghalhekk, il-Qorti temmen li l-artikoli tal-Kodici Civili relevanti ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

*1891. Id-depożitu, in ġenerali, huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura.*

*1892. (1) Id-depożitu hekk proprjament imsejjaħ huwa kuntrattgratuwitu, bla ħsara ta' kull ftehim kuntrarju.*

*(2) Il-ħwejjeġ mobbli biss jistgħu jkunu l-oġġett ta' dan id-depożitu.Meta d-depożitu hu perfett.*

[65] Pagna 13 tas-sentenza.

*1893. (1) Id-depożitu hu perfett biss bil-kunsinna tal-ħaġa lid-depożitarju.*

*(2) Il-kunsinna ssir bil-kunsens biss, jekk il-ħaġa tkun ġaf' idejn id-depożitarju taħt titolu ieħor u jiġi miftiehem li għandha tibqa' f'idejh bħala depożitu. Meta d-depożitarju jista' jinqeda bil-ħaġa ddepożitata.*

*1894. Id-depożitu ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra li jintemmu bl-użu, hu regolat mil-liġijiet dwar is-self ta' ħaġa għall-konsum jew mutwu, meta lid-depożitarju tkun ingħatat is-setgħa li jinqeda bil-ħaġa ddepożitata għandu, bl-obbligu biss li jrodd daqsha tal-istess xorta u kwalità.*

*1895. Id-depożitu hu volontarju jew neċessarju.*

*1896. Id-depożitu volontarju jsir bil-kunsens min-naħa l-waħdata' dak li jiddepożita u min-naħa l-oħra ta' dak li jirċievi l-ħaġab'depożitu. Bejn min jista' jsir id-depożitu volontarju.*

*1897. (1) Id-depożitu volontarju jista' jsir biss bejn persuni kapaċi li jikkuntrattaw.*

*(2) B'dan kollu, jekk persuna kapaċi li tikkuntratta taċċetta*

*Idepożitu li jsir lilha minn persuna li ma tkunx kapaċi li tikkuntratta,hija tkun marbuta bl-obbligazzjonijiet kollha ta' veru depożitarj*

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti jaghmel hafna enfazi fuq ir-recordings li kien hemm bejn Noel Vella u Dorothy Farrugia a folio 157 et seq. tal-process. Jidher li dawn ir-recordings la ghandhom data u lanqas hin. Hu vera li fl-ewwel parti ta' folio 158 hemm ic-cifra ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) pero' minn naha tal-intimata mill-ewwel donna ikkontendiet li c-cifra hija ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000) b' kollox. Ghalhekk ma jidher li hemm l-ebda accettazzjoni fuq

tali cifra sa mill-bidu.[66] Aktar minn hekk jidher li fit-telefonata ta' mhux anqas minn disa' (9) minuti l-attur jghidilha li taha ghoxrin elf Ewro (€20,000). Ghalhekk, kif inghad ukoll aktar 'l fuq l-attur innifsu mhux cert u jilghab bic-cifri.

Maghdud ma' dan il-Qorti tosserva ukoll li l-konversazjonijiet bejn il-partijiet huma mimlijin tensjoni, bi kliem aggressiv u baxx u bhala linja generali tidher li l-intimata qieghda tikkoncedi xi affarijiet lir-rikorrenti biex tehles minnu u taqtaghlu fil-qasir aktar milli mill-fatt li qed taqbel mieghu fuq dak li qed jghid.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti temmen li l-ammont reklamat hekk kif postulat fl-ewwel talba tieghu ossija wiehed u sittin elf u seba' mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€61,754.46) jew kull ammont iehor akbar ma gie bl-ebda mod ippruvat mir-rikorrenti ghalkemm dawn il-proceduri kienu ilhom iz-zmien ghaddejjin. Hemm dubbji serji jekk ir-rikorrent iddepozitax aktar minn l-ghaxart' elef Ewro (Ewro 10,000) li fil-fatt gew mghoddija lura *ex grazia* mill-intimata ghax anki dawn tal-ahhar ma hemm l-ebda rendikont fuqhom la minn naha u lanqas minn naha l-ohra.

Illi in oltre stante wkoll illi l-ammont reklamat huwa **sittin elf u seba' mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€61,754.46) jew kull ammont iehor AKBAR,** anke ghas-sahha ta' l-argument li kieku l-Qorti kellha taccetta li l-intimata qablet mas-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000), it-talba tal-attur ma tistax tigi milqugha peress illi t-talba tieghu tispecifika somma akbar kif fuq inghad jew ammont akbar, filwaqt illi l-

[66] Folio 158 tal-process.

ammont ta‘ hamsa u tletin elf huwa izghar kemm mis-somma specifikata fit-talba tal-attur kif ukoll izghar u mhux akbar mill-istess somma li talab l-attur fic-citazzjoni tieghu.

Infatti il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia** deciza fl-4 ta' Dicembru 1998 per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph A. Filletti u l-Onorevoli Imhallef Albert Manche' qalet:

**M' hemmx ghalfejn jinghad illi hu l-attur li kellu l-obbligu li adegwatament jipprova l-premessi tieghu, almenu fuq bazi ta' proabilitajiet, kif ukoll li f'kaz li jibqa' jippersisti d-dubbju ragonevoli li dan il-grad ta' prova ma kienx irnexxilu jilhqu, tali dubbju kellu jmur favur il-konvenut. Japplikaw il-massimi legali li l-prova *incubit ei qui dicit non ei qui negat*, u li, jekk tali prova ma ssirx *actore non probante reus solvitur*.**[67]

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:**

1. **Qed tichad l-ewwel talba kif dedotta; u**
2. **Konsgwentement qed tichad ukoll it-tieni talba.**

**Spejjez ta' din il-kawza huma kollha a karigu tal-attur.**

[67] Pagna 1324 tat-Tieni Ktieb.

**Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tinghata lill-partijiet u titpogga immedjatament fis-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.**

**Moghtija illum 07 ta' Novembru 2024 fil-bini tal-Qorti, Ghawdex.**

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Margaret Debattista

Assistent Registratur